**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 567/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**-Vs-**
**KIRANDEV THAIVVALAPPIL BABU**

**Illum, 10 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **KIRANDEV THAIVVALAPPIL BABU**, ta' disgħa u għoxrin (29), imwieled ġewwa Thrissur, Kerala fl-Indja nhar it-tlettax (13) ta' April tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (1994), residenti ġewwa numru ħdax (11), Millieri Court, Block B, Flat 4, Triq il-Pitirros, Ħal Għaxaq, li ġie akkużat talli bejn id-dsatax (19)-il jum u l-għoxrin (20) jum tax-xahar ta' Lulju, tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), bejn il-ħdax u nofs (11.30 p.m.) u n-nofs siegħa ta' filgħodu ġewwa l-compund ta' Garden of Eden Garaxx ġewwa Sqaq il-Wilġa, Ħal Għaxaq, u/jew f'diversi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-

1. Volontarjament ta n-nar lill-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, iżda meta filwaqt ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna;

2. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara taqbeż aktar minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u liema ħsara saret għad-dannu ta' Alfred Spiteri u/jew persuni oħra;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' Alfred Spiteri;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Prosekuturi jaqraw l-akkużi u jikkonfermawhom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati;

Rat illi fid-9 ta' Awwissu 2023 Garden of Eden Garage Ltd ġiet ammessa bħala l-parti offiza f'dawn i-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat l-atti kollha;

Rat ir-rikors konġunt ippreżentat mill-Avukat Ġenerali u l-imputat Kirandev Thaivalappil Babu fit-2 ta' April 2024 għall-fini tal-artikolu 392A(5) tal-Kap. 9;

Spjegat lill-imputat fis-seduta tal-10 ta' April 2024, bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tagħha jekk din tintlaqa';

Semgħet lill-imputat fis-seduta tal-10 ta' April 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħatja tal-akkużi kollha li ġew miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li ġie imwissi bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom, il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni tal-ħtija u l-piena erogabbli.

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, assistit minn żewġ interpreti, u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet.

Madankollu, għandu jiġi osservat illi l-imputat irreġistra ammissjoni u ammetta l-ħtija tiegħu kemm għar-reat ta' ħruq volontarju taħt l-artikolu 317 tal-Kodiċi Kriminali addebitat fl-ewwel imputazzjoni, u kif ukoll għar-reat ta' ħsara volontarja taħt l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali, addebitat fit-tieni imputazzjoni. Għalkemm huwa minnu illi bl-azzjonijiet tiegħu, l-imputat volontarjament għarraq jew għamel ħsara lill-vettura ta' Garden of Eden Garage Limited, il-Qorti ma tqisx li tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali minkejja l-ammissjoni tal-

imputat. Dan qed jingħad għaliex għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-mezzi li jiġu applikati mill-aġent biex jgħarraq jew iħassar ħwejjeġ ħaddieġor, iridu jkunu **xort'oħra** minn dawk imsemmijin fl-artikoli preċedenti tas-Sub-Titolu IV[1], fosthom il-ħruq doluż[2]. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab ħati li kkommetta dan ir-reat partikolari meta ammetta l-ħtija tiegħu wkoll għar-reat taħt l-Artikolu 317(b) tal-Kap. 9 u qed jinstab ħati dwaru.

Illi minkejja dan, jirriżulta illi x-xorta u l-kwantita' tal-piena maqbula bejn l-Avukat Ġenerali u l-imputat pemezz tal-patteġġjament milħuq formalment bir-rikors konġunt tat-2 ta' April 2024, tirrientra fil-parametri tal-piena applikabbli skont l-artikolu 317(b) tal-Kap. 9. Konsegwentement, il-Qorti hija sodisfatta li din il-piena kif miftiehma tista' tiġi imposta leġittimament mas-sejbien ta' ħtija għar-reat li dwaru sejra tinstab ħtija u sejra għalhekk tapplika s-sentenza lilha indikata mill-partijiet, b'żieda wkoll u flimkien mas-sanzjonijiet l-oħra kollha imposti bil-liġi inkluż dawk maħsuba fl-artikolu 532A u l-artikolu 533 tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante illi din hija evidentement alternattiva għall-ewwel imputazzjoni, u wara li rat l-artikolu 317(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil KIRANDEV THAIVALAPPIL BABU ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah tliet (3) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.**

**Din is-sentenza li qed tingħata, qiegħda hekk tiġi mogħtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-artikolu 392A(5)(7) tal-Kodiċi Kriminali.**

---

[1] (Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta' Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjeta') tat-Titolu IX (Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta' u kontra s-Sigurta' Pubblika), Taqsima II ta-Ewwel Ktieb.

[2] *"…..biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet talartikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti..."* – **Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras** deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmel riferenza għall-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta), tordna lill-ħati, KIRANDEV THAIVALAPPIL BABU iħallas lill-parti offiża Garden of Eden Garage Limited is-somma ta' tnejn u għoxrin elf seba' mija u tnejn u disgħin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€22,792.88) rappreżentanti l-kumpens għad-danni sofferti mill-istess parti offiża bħala konsegwenza tad-delitt li dwaru qed tinstab ħatja, u dan fi żmien tliet (3) snin. Din l-Ordni għall-ħlas hija enforzabbli bil-mod imfisser fl-artikolu 24(3) tal-Kapitolu 446.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti fi żmien tliet (3) snin, is-somma ta' elf u Euro u disħgin ċenteżmu (€1,001.90) rappreżentanti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri u fil-proces-verbal tal-inkjesta u li ġew intaxxati s'issa[3], pju' l-ispejjeż l-oħra kollha li jistgħu jiġu intaxxati mir-Reġistratur u li wkoll għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' periti jew esperti fil-proċeduri jew fil-proces-verbal tal-inkjesta[4].**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[3] Dr. A. Mamo (Dok. AM1 u Dok. AM2: €56,78 u €374.15); C.O. Kaylen Borg u C.O. Rebekah Bartolo (Dok. SOCO: €195.09); David Borg Saydon (Dok. DBS: €435.88).

[4] Dr. Martin Bajada, D. Daniel vella u Perit valerio Schembri.